Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn
Carmen Attard
u
Paradise Bay Hotel Limited
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.
Kaz nru 1738/JB
Decizjoni nru 1532

Illum, 30 ta' Lulju, 2004.

**Chairperson:** Dr Jos.P Bonnici LL.D

It-Tribunal
Ra t-talba tal-appellanti ghal dikjarazzjoni ta' tkeccija ingiusta mill-impjieg taghha minn mas-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li allegat li tkeccija saret ghal raguni valida billi ma kienetx dahlet lura ghax-xoghol wara 'sick leave' itterminawlha l-impjieg u dahhlu lil terza persuna flokha.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti, inkluzi n-noti eruditi ta' sottomissjonijiet prezentati mill-konsulenti legali rispettivi tal-partijiet:

Ikkonsidera

Illi jigi rilevat 'ab initio' li dawn il-proceduri huma rizultat ta' nuqqas ta' liaison grossolan bejn l-impjegata, il-principal

taghha u s-sezzjoni tal-korrimenti fuq il-post tax-xoghol tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kwistjoni jirrivolvu ruhhom li effettivament u mhux kontestat, l-appellanti weggghet fuq il-lant tax-xoghol. Irraportat sick biex tastjeni ruhha milli tattendi ghax-xoghol, u ghamlet id-debiti rapporti lid-Dipartiment koncernat. Kien hawn li nqala id-disgwid kollu. L-appellanti minghaliha li ghamlet id-dover taghha u illimitat ruhha li tibghat ic-certifikati fuq il-post tax-xoghol, il-principal taghha jircievi c-certifikati minghajr ma jivverifika la mal-impjegata u la mal-istess Dipartiment minn x' hiex biex kienet ghaddejjha l-impjegata taghha, fil-waqt li d-Dipartiment koncernat isostni li ma kienx ritenut jinforma lil principal tal-applikanta izda merament ir-relazjoni tieghu, kienet limitata mall- appellanti biss. Gie verifikat unikament li l-appellanti segwiet il-procedura stabbilita u l-istruzzjonijiet taghhom, u daqshekk.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi hekk ambivalenti f' xenarju lavorattiv- gie ristrett u separat f' kompartimenti diversi li jimxu fuq binarju parallel. Naturalment, divizjoni simili ma setghetx twassal ghal konvergenza fir-rispett reciproku tad-drittijiet u obbligi tal-partijiet f' din il-kwistjoni.

Illi jigi ritenut li l-pozizzjoni tal-principal hija ferm aktar organizzata sia strutturalment finanzjarjament u aktar qas mill-lat ta' organizzazzjoni a differenza minn dik tal-impjegat. Aktar u aktar meta l-impjegat ikun jippossjedi certu livell ta' edukazzjoni u jkun jokkupa certu grad u/jew posizzjoni ta' impjieg. Il-pozizzjoni taghha ma ghandhiex tigi menomata minhabba l-istat fattwali attwali taghha.

Illi l-impjegata setghet giet istruwista ahjar fil-'modus operandi' taghha. Id-Dipartiment koncernat seta nvolva ruhu aktar u ggwida lill-applikanti b' mod aktar profond u dirett.

Illi l-principal, bl-organizzazzjoni u mezzi a disposizzjoni tieghu, seta involva ruhhu aktar fl-interess tal-haddiema tieghu. Seta estenda aktar u mhux jillimita ruhu x' kien qed jigri mill-haddiema tieghu. Ir-relazzjoni tieghu mad-Dipartiment koncernat u vici-versa, setghet kienet ferm aktar illuminanti sabiex l-istat tal-haddiema jigi sostnut. Wara kollox, wiehed qed jitkellem fuq persuna umana li wegghet fuq il-post tax-xoghol, liema post tax-xoghol huwa l-ghixien tal-impjegata u r-rizultat tal-isforzi, sagrificji w investiment tal-principal li jrendilu frott ghalih u ghal familja tieghu.

Illi l-appellanti kienet qieghda fuq 'injury leave' fejn anke r-rata ta' disabilita permanenti gie ffissat mill- 'Injury Board' tad-Dipartiment mhux 'sick leave'. Hija ma ghandhiex tbati l-konsegwenzi ta' att u/jew omissjoni da parti ta' terzi. Waqt l-istess dekorrenza, il-ligi fl-Art 36 (15) u (16) tal-Kap 452 timponi fuq il-principal li ma jistax jittermina l-impjieg.

Illi relattivament ghal rimedju opportun l-appellanti, qed titlob kumpens xieraq. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha fil-kaz, inkluz is-soliti fatturi u specjalment l-istat fiziku u eta tal-appellanti, it-Tribunal jiffissa l-kumpens fl-ammont ta' elf u hames mitt Lira (Lm1500).

Jiddeciedi billi jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg da parti tas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni giusta u

jiffissa l-ammont ta' kumpens pagabbli lill-appellanti fis-somma ta' elf u hames mitt Lira (Lm1500).

B' hekk din il-kwistjoni giet terminata.

Ghal fini ta' tassazjoni it-Tribunal jiffissa s-somma ta' erbghin Lira (Lm40).

**DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**
Chairperson